Qorti tal-Magistrati (Malta)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.

Rikors Nru. 248/15 MV

P.J. Sutters (Marketing) Limited (C35984)

Vs

Noel Gauci (ID No. 17375M) u martu Mary Rose Gauci (ID No. 284176M) u il-kjamat in kawza is-socjeta' Paolina Gauci Limited (C65112)[1].

**Illum 30 Jannar 2024**

Rat l-att ta' citazzjoni mressqa fid- 19 ta' Awwissu 2015, li biha is-socjeta' attrici ippremettiet[2];

tghidu ghaliex ma ghandkomx tkunu ikkundannati thallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' **tmint elef tlett mija hamsa u tmenin Euro u hamsin centezmu (€8,385.50c)** rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' €7,904 l-import ta' *cheque* li ma giex onorat (Dok. A) u in kwantu ghas-somma ta' €481.50c a l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konjugi Gauci.

Bl-ispejjes kollha ta' dawna l-proceduri, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 1823/2015 li gie prezentat

[1] Fol. 92 tal-process.

[2] Fol. 1 tal-process.

kontestwalment, kif ukoll l-imghax kummercjali dekorribbli (i) fuq is-somma ta' €7,904 b'effett mill-25 ta' Frar 2015 (li hija d-data tac-*cheque*) u (ii) fuq is-somma ta' €481.50c b'effett mit-30 ta' Jannar 2015, li hija d-data tal-ahhar konsenja ta' merkanzija.

Rat ir-Risposta mressqa mill-intimati konjugi Gauci fit- 23 ta' Settembru 2015 fejn eccepew[3];

1) Illi preliminarjament il-konvenuti m'humiex f'posizzjoni li jirrispondu ghat-talbiet attrici stante li l-kawza hija bbazata fuq allegat cheque li ma giex onorat, u liema cheque, filwaqt li huwa indikat li gie esebit, fir-realta m'huwiex esebit, . Ghaldaqstant l-istess konvenuti m'humiex f'posizzjoni li jirrispondu fuq xi haga li huma m'humiex edotti fuqha.

2) Illi l-istess jinghad ghall-ammont l-iehor pretiz ta' €481.50 rappresentanti merkanzija allegatament mibjugha u konsenjata lill-konvenuti stante li ma gietxipprezentata l-invoice, u stante li l-konvenuti qatt ma kellhom relazzjoni personali mas-socjeta attrici huma m'humiex f'posizzjoni li jirrispondu.

3) Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, kull ammont pretiz u nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

4) Illi wkoll minghajr pregudizzju, s-socjeta attrici ghandha tressaq prova sodisfacenti ghal kull ammont reklamat minnha.

[3] Fol. 6 tal-process.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat is-sentenza preliminari fuq it-talba tal-intimati li tigi kjamata in kawza is-socjeta' Paolina Gauci Limited (C65112) datata 8 ta' Mejju 2019[4]. Talba li giet milquha.

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, inkluza dik permezz ta' affidavit;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet[5];

Rat l-atti tal-kawza;

Rat li il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Il-fatti fil-Qosor**

Din il-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda cheque mhux onorat datat 25 ta' Frar 2015 mill-intimati fl-ammont ta' Ewro 7,904 kif ukoll ammont iehor ta' Ewro 481.50c li allegatament ma' thallasx meta giet ikkonsenjata merkanzija fit- 30 ta' Jannar 2015.

[4] Fol. 82 tal-process.
[5] Fol. 162- 166 tal-process.

L-intimati Noel Gauci u Rose Gauci jichdu il-pretensjonijiet fil-fatt u fid-dritt u jghidu li jekk hemm xi ammonti dovuti huma da parti tas-socjeta' kjamata in kawza ossija

Is-socjeta' Paolina Gauci Limited (C65112) li giet kjamata in causa ghalkemm notifikata skond il-ligi ma dahlitx risposta u ma ippartecipatx fil-kawza.[6]

**Ix-Xhieda**

Joseph Rapa fl-affidavit tieghu datat 10 ta' Jannar 2023 jichad kompletament dak li qal Noel Gauci fl-affidavit tieghu. Jghid li Gauci kien liberu li ma jiffirmax il-credi application u huma tawh ix-xoghol a bazi ta' dak li iffirma.Jighid li ic-cheque inghata lilu personalment bhal parti mill-hlas u minghajr kundizzjoni. Jghid li ma' Angelo Paolini qatt ma kellu x' jaqsam u hu dejjem innegozja ma' Noel Gauci. Jishaq li hu ma kienx ser jaghti ix-xoghol kieku hu ma kellux ic-cheque ta' Gauci f' idejh u ovvjament il-credit application mimlija kif inhi. Finalment jghid ukoll li l-konsenja tal-arancini hija fazulla. Jghid li huma qatt ma xtraw minghand Noel Gauci.[7]

Xehed Noel Gauci waqt is-seduta tal- 24 ta' Jannar 2023 u jghid li l-kwistjoni tal-arancini ma ghandix x' taqsam ma' dan il-kaz

[6] Fol. 111 u 115 u 116 tal-process.
[7] Fol. 134 tal-process.

imma xorta P.J. Shutters ghandhom jaghtuh il-flus. Jghid li ghandhom jaghtu lilu personalment u mhux il-kumpanija. Jghid li ghadu sal-lum ma thallastx.[8] Jghid li ghandu emails biex jipprova loi ghandu jiehu il-flus. Isostni li hu kiern biss shareholder f' kumpanija li ghandha taghti il-flus lill-atturi. Ikompli jghid li kien hemm meetings li l-kumpanija kellha thallas lill-atturi. Ikompli jisjpjega li ic-cekk inhareg sakemm il-kumpanija tiftah il-kont ma' bank lokali. Skond hu kien hemm qbil li ic-cekk ma jissarrafx sakemm l-atturi jiehdu lill-kumpanija l-Qorti ui jitilfu il-kaz. Ic—cekk kien post dasted Frar 2015. Ma jafx jekk cekk 6 xhur biss ghadu hajja. Isostni li biex tiftah kont il-bank ma iddumx 6 xhur. Isostni li hu ma ghandu x' jaqsam xejn mal-kumpanija. Jaqbel li hu kien shareholder tal-kumpanija ma' Paulini. Jghid li hu kien minority shareholder. Jghid li kien hemm 4 sharholders u hu qatt ma kien direttur. Skond ix-xhud hu ma kellu kwazi xejn x' jaqsam mal-kumpanija. Jghid li l-kumpanija trid thallas u mhux is-shareholders. Skond hu is-Sur Rapa qallu li hu kien easy target ghax il-kumpainji tad-diretturi u id-diretturi ghandhom aktar negozju mieghu u jekk jaghmlulhom kawza ma jixtrux minn ghandhom.

Fuq dan il-punt sar konfront bejn Noel Gauci u Joseph Rapa.

Rapa ikkonferma li hu fittex lilu u lil martu ghax il-credit application iffirmaha huwa u mhux il-kumpanija. Isostni li Paulino Ltd. Qallu li ma ghandux flus u b' hekk peres li kien hareg

[8] Fol. 136 tal-process.

cekk biex jaghmel tajjeb ghad-dejn dar fuqu minhabba li dan kien dejn tal-kumpanija tieghu u ta' Paulino Ltd.

Noel Gauci qal li fuq il-credit application jghid li martu kienet tiehu hsieb d-deliveries u tirrirmahom. Jghid li l-limitu hu ta' Ewro 2,000 u kien qal lil certa Rosette li ma kienx ser jiehu responsabilita' ghal kumpanija. Kien speci ta' konsulent taghhom u ma kellu x' jaqsam xejn aktar. Hu iffirma on behalf of the company. Qalla car li ma riedx dejn pero' baqghu telghin sa xi Ewro 8,000. Qal li sar meeting u Angelo Paulini qalilhom li d-dejn hu tieghu. Kellhom jaghtuh ic-cekk lura lilu u ma tawh xejn.

Xehed Noel Gauci nahr it- 2 ta' Mejju 2023 u jghid li huwa kien jitkellem ma' certa Derrick Vassallo. Jghid li dan kien jahdem mal-kumpanija attrici.

**Ikkunisdrat:**

Kif intqal fis-sentenza **John u Jacqueline konjugi Mizzi vs Is-Socjeta' With it Limited u Helena Grech** (Citazzjoni Nru. 67/2007/1) deciza fid- 19 ta' Dicembru 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri per l-allura Magistrat, illum Imhallef, Anthony Ellul

***Skond l-Artikolu 78 ta' l-Att dwar Kumpanniji (Kap. 386):- "Il-persuni kollha li jmexxu negozju jew jaghmlu ftehim taht isem***

***jew ghan-nom ta' kumpannija li dwarha ma jkun inhareg certifikat ta' registrazzjoni taht dan l-Att, jew qabel id-data murija fic-cerfitikat tar-registrazzjoni bhala d-data li fiha dik il-kumpannija ghandha tibda ssehh, ikunu, sakemm ma jkunx mifitehem xort'ohra, personalment u solidalment responsabbli dwar terzi ghall-atti maghmula taht dak l-isem.".***

***L-Artikolu 78(3) jipprovdi:- "Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), in-negozji msemmija f'dak is-subartikolu ghandhom jitqiesu bhallikieku saru <u>mill-kumpannija ghar-rigward ta' terzi li trattaw in bona fede ma' persuni li agixxew f'isem jew ghan-nom kumpannija</u> li dwarha ma jkunx inhareg certifikat ta' registrazzjoni taht dan l-Att, jew li ma tkunx ghadha giet fis-sehh, b'effett mid-data li fiha l-kumpannija tigi fis-sehh; izda f'dak il-kaz id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx. Il-kumpannija jkollha jedd li tkun indennizzata mill-persuni li jkunu agixxew f'isimha jew ghan-nom taghha dwar ir-responsabbiltà taghha taht dan is-subartikolu lejn l-imsemmija terzi."***

***L-Artikolu 78(3) tal-Kap. 386 ma jhalli lok ghall-ebda dubju li ghalkemm il-kumpannija kienet ghadha ma gietx registrata fis-16 ta' Dicembru 2004, <u>in-negozju jitqies li sar mill-kumpannija</u>***

***fil-konfront ta' dawk it-terzi (fil-kaz taghna l-atturi) li agixxew in bona fede*[9]*.***

Fis-sentenza **Jeremy James Camilleri vs Carmelo Bianco sive Charles f' ismu propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezenttanza ta' Western Company Limited** (Avviz Nru. 164/2005) MLF deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottorerssa Marse-Ann Farrugia intqal hekk dear l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur fuq persuna li tiffirma f' ismu propju kif ukoll wara jagixxi f' isem kumpanija:

***Konsegwentament, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-konvenut Charles Bianco huwa legittimu kontradittur ghax hu iffirma l-ftehim tal-bejgh tal-vettura in kwistjoni f'ismu proprju. Inoltre, l-attur dejjem xehed li hu kien jittratta mal-konvenut Charles Bianco, u qatt ma ssemmiet is-socjeta konvenuta, hlief meta Charles Bianco ghas-socjeta konvenuta obbliga ruhu bil-miktub li jbiddel il-windscreen tal-vettura in kwistjoni, meta dan ixxaqqaq, waqt li l-vettura kienet ghand l-electrician ta' Bianco. Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom.***[10]

Illi fis-sentenza ***Byle Engineering Co. Ltd. Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech (App. Civili Nru. 273/2003/1)*** deciza fit-

[9] Pagn 7. Sottolinejar tal-Qorti.
[10] Pagna 6 u 7 tas-sentenza.

22 ta’ Gunju 2005 mill-Qorti tal-Appel per Onorevoli Imhallef Philip Sciberras intqal:

***Huwa veru li tezisti l-presunzjoni illi, fin-nuqqas ta’ prova kuntrarjarja sakemm ma jigix stabbilit xort’ ohra, wiehed solitament jikkontratta jew jassumi obbligazzjonijiet f’ ismu personalment. Din il-presunzjoni pero` tibqa’ wahda juris tantum u tista’ tigi ribattuta jew mod iehor dezunt mic-cirkostanzi bhala provanti li n-negozju kien sar mhux mal-konvenuti personalment izda mas-socjeta` rapprezentata minnhom. “Sewwa jinghad li l-prova mehtiega biex tigi newtralizzata din il-presunzjoni juris tantum tvarja sew minn kaz ghall-iehor. Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta’ kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta’ haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji.”[11] – “Lawrence Formosa et nomine -vs- Silvio Felice”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999.[12]***

**Ikkunsidrat**

Espunjati dawn l-insennjamenti gurisprudenzjali il-Qorti issa ser taghmel ezami tal-atti processwali fid—dawl ukoll tal-insenjament tal-Qorti tal- Appell fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs Emanuel Bonello** deciza fit- 22 ta’ Gunju 1994 per Onorevoli

[11] Sottolinejar tal-Qorti.
[12] Pagna 4 tas-sentenza.

Imhallef Carmel A. Agius, Agent President, flimkien mal-Imhallfin Onorevoli Godwin Muscat Azzopardi u Joseph Said Pullicino li irriteniet:

***'Huwa mill ezami tan-natura tan-negozju li ta lok ghal keditu ta' l-attur illi tohrog l-intenzjoni tal-kontraendi bejn min saret ir-rabta kontrattwali.'***

Milli atti ma jirrizultax meta il- kumpanija kjamata in causa giet registrata u allura saret entita' guridika separata. Li jirrizulta mill-atti huwa li in-negozjati bejn is-socjeta' attrici kif ukoll is-socjeta' kjamata in kawza saru mis-Sur Noel Gauci. Is-Sur Rapa ghan nom tal-kumpanija attrici jaghmilha cara daqs il-kristall li hu ma kienx ser jaghmel negozju u jaghti kreditu lill-ebda barrani jew lill-kumpaniji immexxija minn barranin. Hu kien lest li jaghti kreditu lill- kumpanija kjamata biss minhabba il-fatt li il-*credi application* kienet iffirmata minn Maltin, ossija mill-intimati konjugi Gauci.

Il-Qorti tinnota ukoll li ic-cekk mahrug lill- P.J. Shutters datat 25 ta' Frar 2015 inhareg mis-Sur N. Gauci fl-ammont ta' Ewro 7,904[13]. Fatt li mhux michud mill-intimat Noel Gauci.[14]

---

[13] Fol. 8 tal-process.

[14] Jidher ukoll li il-partijiet fis-sottomissjonijiet taghhom qed jaqblu li cheque mahrug mhux necessarjament marbut mal-underlying obligation relata mieghu. Il-Qorti hadet nota tas-sentenzi ikkwotati mill-abbli avukat tal-attur u taghmilhom taghhom cioe' **Marlene u Emanuel konjugi Vella vs Dr. Antoine Gambin et** (Cit. 3424/1996/1) deciza mill-Qorti Civili nhar is-26 ta' April 2001 per Onorevoli Imhallef Raymond C. Pace, pagna 14; **Anthony Briffa nominee kontra Vincent Oliver Abela** (Cit. Nru. 486/1994/3) deciza mill-Qorti Civili nhar it- 28 ta' Marzu 2003 per Onorevoli Imhallef Philip Sciberras, pagna 7 (Jidher li ghalkemm kien hemm appell minn din l-

Il-Qorti tinnota li il-*credit application form* hemm li n-*name of outlet* huwa Giardino Mediterraneo filwaq li l-isem tal-kumpanija hija Paolino Gauci Limited (C 65112). Fuqa l-istess formula hemm l-isem ta' Noel Gauci u tahtha hemm *status: owner of outlet: Director/representative of the Company*. Hemm in-numru tal-karta tal-identita' kemm tieghu kif ukoll l-isem ta' martu u d-dettalji taghha. Hemm il-firem tal- partijiet u hemm is-seggwenti dikjarazzjoni:

**I, the undersigned, together with my spouse, hereby declare myself/ourselves personally liable, jointly and severally with the Company without the benefit of discussion, for any debts incurred by the Company with PJ Sutters (Marketing) Ltd.**[15]

Din il-*credit application form* kienet iffirmata fil- 25 ta' Gunju 2014, *jigifieri xhur qabel ma inhareg ic-cekk mertu ta' dawn il-proceduri u qatt ma giet irtirata jew mibdula*. Infatti isfel hemm nota important ukoll li tghid is-segwenti:

**IMPORTAT: PJ (Sutters) Ltd. Is only granting credit terms to the client as shown above. Any changes in the information supplied must be notified immediately in writing.**

---

ahhar sentenza dan gie abbandunat ghax ma thallsitx il-kawtela- decizjoni data 7 ta' Frar 2006 per S.T.O Prim Imhallef Vincent De Gaetano flimkien mal-Imhallfin Anton Depasquale u Albert J. Magri).

[15] Fol. 64 tal-process.

F' ghajnejn il-Qorti dak li riedu il-kontraendi kien car u ghalhekk mhux lecitu li issa xi hadd, lanqas il-Qorti, ma jista' jaghtih interpretazzjoni ohra[16]. Dunque, skond dan id-dokument Noel Gauci u Mary Rose Gauci kienu qed jagixxu f' isimhom u f'isem Paolini Gauci Ltd. u kienu qed jaghmlu tajjeb personalment an nuqqasijiet ta' hlas tal-kumpanija.

Dunque, dan hu dak li fthemu u gie pattwit mill-partijiet. Wiehed irid ifakkar li kulhadd gahndu jidhol ghal kuntratt in *buona fide*.[17] Dan imur kontra dak li ipprova jaghti x' jifhem l-intimat Noel Gauci tul id-dibattiment tal-kawza. Dan il-dokument jaghti forza u aktar kredibilita' lix-xhieda u lis-sottomissjonijiet tal-kumpanija attrici fejn mill-bidu sa l-ahhar baqghet issostni li minghajr l-intervent ta' Noel Gauci hija ma kienitx lesta li taghti kreditu lil kumpanija kjamata in kawza.

Il-Qorti temmen li thares minn fejn thares lejn il-vertenza l-konjugi Gauci ghandhom jerfghu ir-responsabilita' tal-kreditu flimkien mal- kumpanija kjamata in kawza.

Ikkunsidrat:

[16] Ara per ezempju x' qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Dr. Gerald Montanaro Gauci ghan-nom u in rapprezentanza ta' Sea International Limited kif debitament awtorizzat vs Alex Agius Cesario** (Cit. Nru. 866/95/RCP) per Onr. Imhallef Raymond C. Pace deciza fil-31 ta' Jannar 2002.

[17] Ara is-sentenza **Salvu Fenech et vs Malta Dairy Products Limited** (Cit. Nru. 1561/1997/1) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit- 30 ta' Ottubru 2003 per Onr. Imhallef Raymond C. Pace.

A rigward tal-limitu fuq il-credit application form, Il-Qorti ukoll temmen li ghalkemm fil-credit application form fis-sezzjoni *for official use only* hemm credit limit ta' Ewro 2,000 dan ma ghandux jikkomprometti it-talba tas-socjeta' attrici ladarba din ic-cifra tidher li tnizzlet b' mod artibrarju u nindikattiv mill-kumpanija attrici u il-konjugi Gauci fid-dokument ma' ghamlu ebda rizerva.

**Ghaldaqstant, il-Qorti temmen li l-ammont ta' Ewro 7,904 kien dovut mill-intimati in solidum bejniethom.**

Ikkunsidrat ulterjorment:

Skond it-talba attrici hemm ukoll ammont ta' Ewro 481.50c dovut mill-intimati. Il-Qorti pero' tinnota li l-pretensjoni ta' Ewro 481.50c datata 30 ta' Jannar 2015 li skond is-socjeta' attrici hiija d-data tal-ahhar konsenja tal-merkanzija ma tirrizulta minn imkien mill-atti. Dunque, dan l-ammont qatt ma gie sostnut u ippruvat mill-kumpanija attrici li huwa dovut mill-intimati[18].

**Ghaldaqstant, il-Qorti temmen li l-ammont ta' Ewro 481.50c ma kienx dovut mill-intimati lis-socjeta' attrici.**

[18] Ara ukoll id-dikjarazzjoni a Fol. 80A tal-process.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Ma jidhix li kien hemm talba gudizzjarja ghal l-ammont jew ammonti dovuti u lanqas hemm kopja tal-mandat ta' skwestru 1823/2015 li is-socjeta' attrici allegatament harget fil-konfront tal-konjugi Gauci.

Ghaldaqstant il-Qorti mhux ha tipprovdi li l-imghaxx legali ghandu jiddekorri mill-25 ta' Frar 2015 imma ser jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

L-anqas il-Qorti mhu ha igghiel lill-intimati ibaghtu l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru 1823/2015 ladarba kopja legali tieghu ma gieipprezentat fil-mori tal-kawza.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tiddisponi bil-mod segswenti:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara l-intimati in solidum bejniethom debitrici lis-socjeta' attrici ghall-ammont ta'**

**Ewro 7,901 b' effet mill-lum. L-eventwali imghaxx legali huwa ukoll dekorribbli mil-lum;**

2. **Tichad it-tieni talba kif dedotta minhabba li din giet irtirata fil-mori tal-kawza mill-istess socjeta' attrici nhar it- 2 ta' Mejju 2019.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu ghal 2/3 mill-intimati solidalment bejniethom filwaqt li l-kumpanija attrici thallas ir-rimaneenti 1/3.**

**L-ispejjez relatati mal-mandat ta' sekwestru 1823/2015 jithallsu mis-socjeta' attrici.**

**Dottoressa Monica Vella**

**Magistrat.**

**Victor Deguara**

**Deputat Registratur.**